A.L. 293 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

l-Istatut biex jemenda l-Istatut 3 (Emenda Nru. 13) ta' l-Università ta' Malta - Korsijiet ta' Studji, Gradi u Distinzjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dan l-istatut magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31, 33 u 48(3) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut biex jemenda l-Istatut 3 (Emenda Nru. 13) ta' l-Università ta' Malta - Korsijiet ta' Studji, Gradi u Distinzjonijiet - u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda ma' l-istatut ta' l-Università ta' Malta mdaħħal fl-Iskeda II ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "l-istatut prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan l-istatut għandu japplika minn Ottubru 2004 'il quddiem.

L-Emenda għall-istatut 3 ta' l-istatut prinċipali

3. Minflok l-istatut 3 ta' l-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3.1 Korsijiet ta' Studju, Gradi u Distinzjonijiet

1. L-Università għandha l-poter li tagħti gradi, diplomi u ċertifikati lil kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet preskritti wara li segwew il-korsijiet ta' studji meħtieġa, u dan skond ir-regolamenti u l-ordinamenti magħmula mis-Senat.

2. Il-korsijiet ta' studji għandhom jibdew skond kif jiddeċiedi l-Kunsill.

3.2 Provvedimenti għall-Għoti ta' Grad flimkien ma' Università oħra

1. Fejn l-Università, bl-approvazzjoni tas-Senat, tagħmel ftehim ma universitajiet oħra biex flimkien jagħtu grad, mela r-rekwizit meħtieġ biex wieħed jikkwalifika għall-grad jista' jinkiseb jew parzjalment fl-Università u parzjalment fl-universitajiet oħra, jew kompletament f'waħda mill-universitajiet fil-ftehim, skond kif provdut fi ftehim bħal dan.

2. Il-grad jista' jingħata flimkien mill-universitajiet kollha f'ċertifikat wieħed u għandu jingħata f'waħda mill-universitajiet parteċipanti kif miftiehem bejniethom.

3. Il-programm ta' studju, inkluż il-katalgu ta' taqsimiet studju, għall-grad li se jingħata flimkien għandu jkun approvat mill-Università u kif meħtieġ mill-universitajiet parteċipanti l-oħra.

4. Il-Bordijiet ta' l-Eżaminaturi u l-Bordijiet għall-Klassifikazzjoni tal-Grad għandhom jitwaqqfu skond id-deċiżjonijiet meħuda mill-entitajiet kompetenti ta' l-universitajiet parteċipanti u kif stipulat fil-ftehim bejniethom.

5. L-istudenti jistgħu jirreġistraw għall-grad mogħti minn aktar minn università waħda jekk ikunu aċċettati mill-universitajiet parteċipanti skond ir-regolamenti għad-dħul ta' kull waħda mill-universitajiet u skond il-provvedimenti dwar ir-reġistrazzjoni fil-programm ta' studju għall-grad moghti minn aktar minn università waħda speċifikat fil-ftehim bejn l-universitajiet.

6. Il-ftehim għall-għoti tal-grad bejn l-Università u l-universitajiet l-oħra flimkien jista' jipprovdi li ċ-ċertifikat jinkludi t-titlu ekwivalenti kif normalment mogħti mill-universitajiet l-oħra barra mit-titlu tal-grad ta' l-Università.

3.3 L-Għoti tal-Gradi u d-Diplomi

1. Il-gradi u d-diplomi jingħataw waqt ċerimonja pubblika jew, bil-kunsens tas-Senat, privatament jew *in absentia.*

2. Kandidat ikun eliġibbli għall-għoti ta' grad jew diploma biss wara li r-Rettur ikun iċċertifika li hu ssodisfa l-kundizzjonijiet kollha preskritti mill-istatuti, regolamenti u ordinamenti rilevanti għal dak il-grad jew diploma u sakemm il-kandidat ikun issodisfa l-obbligazzjonijiet u r-responsabbiltajiet l-oħra kollha lejn l-Università.

3. L-ebda persuna ma tista' tkun deskritta li għandha grad jew diploma ta' l-Università ħlief jekk dan il-grad jew diploma jkunu ġew mogħtija kif preskritt fil-paragrafu 1 ta' din is-sezzjoni.

3.4 Il-Gradi *Honoris Causa*

1. L-Università għandha wkoll il-poter li tagħti l-gradi *honoris causa* li ġejjin:

Doctor of Laws – LL.D.
Doctor of Medicine and Surgery – M.D.
Doctor of Literature – D.Litt.
Doctor of Engineering – D.Eng.
Doctor of Science – D.Sc.
Doctor of Education – D.Ed.
Master of Philosophy – M.Phil.

2. Fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Senat, il-Kunsill jista' fid-diskrezzjoni tiegħu jordna li jingħata grad *honoris causa* lil xi persuna li hu jidhirlu jixirqilha din id-distinzjoni.